MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2004

Appell Kriminali Numru. 53/1995/2

Il-Pulizija
Vs
Nazzareno sive Reno Zarb u Omissis

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli:

1) fl-Imriehel, limiti ta' Hal-Qormi, bejn id-19.1.1991 u l-21.1.1991, ikkommetta serq ta' erba mija w wiehed u tletin (431) pari zraben tan-nisa, li l-valur taghhom jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000), mill-fabbrika Puma Footwear, li qeghda fil-Qasam Industrijali ta' l-Imriehel, ghad-dannu ta' Marcus Tonna, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur u bil-vjolenza numerika;
2) f'Kordin, limiti ta' Rahal il-Gdid, bejn il-31.12.1990 u t-2.1.1991 ikkommetta serq ta' kwantita' ta' grinding wheels li l-valur taghhom jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000)

mill-fabbrika Corflex ghad-dannu ta' d-ditta msemmija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz u valur;
3) fil-Marsa, bejn il-lejl ta' 12/13 t'Ottubru 1990, ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika Sanga Ltd, li qeghda fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, valur u hin;
4) f'Bulebel bejn il-15 u t-18.2.1991 ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-ghaxart elef liri Maltin (LM10,000) mill-fabbrika Cosmoprof Ltd, li qeghda fil-Qasam Industrijali ta' Bulebel, limiti taz-Zejtun, ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u l-valur;
5) fil-Marsa matul il-lejl tas-6/7.2.1991 ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-ghaxart elef lira Maltin (LM10,000) mill-fabbrika Lambs Knitwear, li qeghda fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur u hin;
6) f'Bulebel bejn it-2 u l-4.2.1991 ikkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) mill-fabbrika Rimus li qeghda fil-Qasam Industrijali ta' Bulebel limiti taz-Zejtun, ghad-dannu ta' Joseph Vella, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz u valur;
7) fil-Furjana fis-6.2.1991 ikkommetta serq ta' karozza ta' l-ghamla Austin nru. S 5333 li l-valur taghha hu ta' aktar minn elf lira Maltin (LM1000) ghad-dannu ta' Christian Gauci, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur u xorta ta' l-haga misruqa;
8) matul dawn l-ahhar xhur f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara diversi oggetti misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reati, sew jekk dawn saru f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom li l-valur taghhom jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Frar, 1995 li biha wara li rat l-Artikoli 18, 261(a)(b)(c)(f), 262 (1)(b), 163, 264, 265,

266, 267, 270, 277(b), 279(b) tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, illiberat lill-imputat mill-akkuza dwar ricettazzjoni w serq tal-karozza S5333; hati tal-kumplament u kkundannatu ghal erba snin prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta' Frar, 1995 li bih talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha billi tirriforma s-sentenza appellata u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li taghha l-esponent instab hati w tikkonferma l-istess sentenza fil-parti liberatorja taghha fejn iddecidiet li ssib l-imputat mhux hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra tieghu u minnhom gie liberat u ghaldaqstant, tilliberah minn kull htija w piena skond il-ligi u, f'kaz li din Qorti tikkonferma s-sentenza ta' htija, tirriforma s-sentenza appellata ghal dik li tirrigwarda l-piena fis-sens li tigi mposta piena aktar gusta w xierqa ghall-kaz odjern.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti :- 1. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u l-provi b'mod generali ; 2. li l-Ewwel Qorti ma tatx dawk ir-ragunijiet fis-sentenza taghha rikjesti fil-ligi fil-konfront tal-appellant ; 3. Li l-Ewwel Qorti fil-parti deciziva tas-sentenza semmiet ghar-rigward tal-appellant li rat l-artikolu 163 tal-Kodici Kriminali , fost ohrajn , u dan jittratta reat li l-appellant ma giex akkuzat bih ; 4 li l-Ewwel Qorti uzat stqarrijiet ta' ko-akkuzati biex waslet ghall-konkluzzjoni ta' htija li mhux legalment korrett ; 5. li minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, il-piena kienet eccessiva w ghandha tinidel f'wahda aktar xierqa ghall-kaz odjern , specjalment meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni li l-appellant kien fiz-zmien l-incidenti dipendenti fuq id-droga w li kien jifforma parti minn grupp ta' zaghzagh li kienu jinfluwenzawh hazin .

Fliet l-atti kollha processwali ;

Rat l-izvilupp ta' din il-kawza quddiem din il-Qorti diversament preseduta ghal zmien ta' seba snin qabel ma dil-kawza giet assenjata lill-din il-Qorti kif issa preseduta;

Rat id-Digriet Taghha tat-3 t' Ottubru, 2002, li biha ssopprassjediet sakemm jigi deciz ir-rikors kostituzzjonali tal-appellant u t' appellant iehor mill-Qorti Kostituzzjonali ;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 t' Ottubru, 2003 ;

Rat l-ordni taghha tal-4 ta' Novembru, 2003 ghar-riappuntament tal-appell ghat-trattazzjoni ghas-seduta tat-13 ta' Novembru, 2003;

Rat id-Digriet Taghha tat-13 ta' Novembru, 2003 , fejn , fuq talba tal-Prosekuzzjoni, ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju minn appelli ohra t' appellanti ohra fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Jesmond Cassar et."

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza w tal-Prosekuzzjoni fl-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2003;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ;

Ikkonsidrat ;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa bazat fuq l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-ewwl Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-

sens "inter alia" l-Appell Kriminali **: "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; **"il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] **; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn .

"Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **"R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta….. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament .."*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar xi wiehed mis-sitt (6) kazijiet ta' serq li taghhom instab hati l-appellant.

Illi fil-motivazzjoni taghha l-Ewwel Qorti qalet li l-appellant kien ammetta l-htija tieghu fil-kazijiet tas-serq mill-fabbriki jew stabilimenti ta' PUMA, CORFLEX, SANGA, COSMOPROF, LAMBS KNITWEAR u RIMUS u rriferiet ghall-istatements S15 a fol. 241, S 8 a fol. 217 u S 4 a fol. 206. Minn ezami li ghamlet din il-Qorti ta' dawn l-istatements johrog li hemm ammissjoni nkondizzjonata tar-reati ta' serq  mill-fabbriki kollha msemmija w konsegwentement l-appell fil-mertu mhux biss hu manifestament infondat izda addirittura jirrazenta il-fieragh . X' motivazzjoni kellha bzonn tati aktar l-Ewwel Qorti barra milli jsemmi li r-reati huma kollha ammessi fl-istatements ?  Umbaghad minn imkien ma jirrizulta li fil-motivazzjoni taghha l-Ewwel Qorti qaghdet fuq l-istqarrijiet tal-ko-akkuzati biex waslet ghall-konkluzzjoni ta' htija , kif jintqal b' mod ghal kollox infondat fir-rikors tal-appell.

Ghalhekk l-ewwel tlitt aggravji tal-appellant huma manifestament infondati w qed jigu respinti .

Illi dwar l-aggravju li fis-sentenza fil-parti deciziva li tirrigwarda lill-appellant hemm indikat l-artikolu 163 tal-Kap.9 li jirrigwarda reat li tieghu l-appellant ma kienx akkuzat , hu fatt li dan l-artikolu gie indikat ovvjament bi zball dattilografiku minnflok l-artikolu 263 li gie ndikat korrettement  fil-kaz tal-ko-akkuzati l-ohra kollha. Hu ovvju ukoll li l-appellant ma giex akkuzat bir-reat kontemplat bl-artikolu 163 li jirrigwarda tkasbir tar-religjon Kattolika Appostolika Rumana. Issa l-artikolu 263 tal-Kodici Kriminali li ovvjament riedet ticcita l-Ewwel Qorti hu dak **li fih biss id-definizzjoni** tal-kwalifika tal-"mezz" fir-reat ta' serq u mhux l-artikoli li jikkontemplaw l-istess reat ta' serq ikkwalifikat bil-mezz  ghax dawn huma l-artikoli 277 u  278 tal-Kap.9 li jistabilixxu l-piena ghall-htija ta' serq ikkwalifikat bil-mezz wahdu jew meta dil-kwalifika tkun akkompanjata minn kwalifiki ohra. Illi fil-fatt fis-sentenza

appellata l-Ewwel Qorti ccitat l-artikolu 277(b) li jirrigwarda serq bil-kwalifika tal-vjolenza akkompanjata mill-kwalifika tal-mezz. Ghalhekk , minkejja dan l-izball dattilografiku , ma hemm ebda nullita' fis-sentenza appellata ghaliex gie citat l-artikolu li jikkontempla r-reat u jistabilixxi l-piena applikabbli meta l-Ewwel Qorti ccitat l-artikolu 277(b) kif ghamlet u hekk gie rispettat il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 tal-Kap.9 . Ghalhekk anki dan l-aggravju ghalkemm fattwalment korrett ma jista' jirreka ebda beneficcju legali lill-appellant ghax ma kienx mehtieg li jigi citat l-artikolu 263 li bi zball gie indikat bhala artikolu 163.

Illi in kwantu dan l-appell jirrigwarda il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti , jinghid li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.)

Illi skond is-sentenza appellata l-appellant gie liberat mill-akkuza dwar ricettazzjoni w serq ta' karozza S 5333 u hati tal-kumplament u gie kkunndannat ghall-erba snin prigunerija. L-appellant ghalhekk gie nstab hati ta' mhux inqas minn sitt (6) serqiet f' periodu ta' ftit xhur bejn l-ahhar tas-sena 1990 u l-bidu tas-sena 1991.

Illi mill-ezami tal-fedina penali tal-appellant jirrizulta li qabel ma kkommetta r-reati mertu ta' dan l-appell hu kien ikkommetta xi reati fil-1986 u f' Lulju, 1990 u darba minnhom gie liberat b' kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena w tlitt darbiet gie mmultat.

Wara l-kommissjoni tar-reati mertu ta' dan l-appell pero' , hu nstab hati mhux inqas minn ghoxrin (20) darba ta' reati whud minnhom serji, bl-ahhar kundanna proprju ghal reati minnu kommessi f' Awwissu , 2000. Minn dan kollu jidher car li l-appellant ma bidilx il-hajja refrattarja li kien qabad anzi kull ma jmur donnu beda' jakkanixxi ruhu fil-kriminalita' u dana minkejja d-diversi opportunitajiat li nghata mill-Qrati b' sentenzi fejn minnflok il-piena

karcerarja ndikata, nghatatlu piena pekunjarja, jew liberazzjoni kondizzjonata jew sentenza ta' prigunerija sospiza. Gie ukoll kundannat darba ghall-periodu ta' detenzjoni w sitt darbiet ghall-diversi periodi ta' prigunerija.

Illi certament l-istituzzjoni tal-probation u dik ta'sentenza sospiza mhux idonei ghall-kaz bhal dan fejn hu ovvju li l-appellant miz-zmien tar-reati mertu ta' dan l-appell diga nghata piena restrittiva tal-liberta' ghall mhux inqas minn seba' darbiet. Anzi din il-Qorti hija ferm sorpriza kif wara sensiela ta' kundanni ghall-piena restrittivi tal-liberta' xi Qrati xorta wahda baqghu japplikaw fil-konfront tal-appellant dispozizzjonijiet taht il-Kap.152 jew taht l-art. 28A. Forsi dan hu attribwibbli ghall-fatt li meta jigu biex jaghtu s-sentenzi ma jkunux fil-pussess ta' fedina penali aggornata tal-persuna li tkun ser tigi sentenzjata. Prassi monka din li l-Prosekuzzjoni, sija jekk tkun qed issir mill-Avukat Generali kif ukoll jekk tkun qed issir mill-Kummissarju tal-Pulizija, tista' facilment tovvja ghaliha billi titlob u tinsisti li fl-ahhar stadju ta' kull kumpilazzjoni jew process tigi esebita fedina penali aggornata.

Illi ma hemmx dubju li l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti kienet tirrientra fil-parametri tal-ligi , ghall-reati ta' serq kwalifikat bl-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kap.9 dwar ir-reat kontinwat . Ghalhekk il-piena ma hix wahda eccessiva .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------